MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1141/2003

**Allied Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Fenici Insurance Agency Ltd u b'digriet tal-14 ta' Jannar, 2004, l-isem tas-socjeta` konvenuta gie jinqara bhala Fenici Insurance Brokers Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta Gunju 2003 fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf tliet mija u hamsa u sittin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm1365.55) rapprezentanti l-hlas dovut fuq poloz ta assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici lil terzi persuni fuq inkariku tal-istess socjeta konvenuta bhala Brokers tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjes tal-prezenti u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta datata 7 ta Novembru 2003 in forza ta liema giet kontestata t-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet:-

a) Preliminarjament is-socjeta konvenuta ma hiex il-legittimu kontradittur stante li qatt ma kellha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici stante li se mai r-relazzjoni li kienet tezisti kienet ma Fenici Insurance Brokers Ltd u mhux Fenici Insurance Agency Limited u kwindi jisthoqq li ssir korrezzjoni fl-isem;
b) Ma hemm l-ebda ammont pendenti dovut stante li dawn kienu gew kollha saldati;
c) Illi hija l-istess socjeta attrici li hi debitrici tas-socjeta konvenuta u dana fl-ammont ta Lm909.53 ghal commissions dovuta fuq diversi poloz ta assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici bl-intervent tas-socjeta Fenici Insurance Brokers Limited fil-kwalita taghha ta Broker liema ammont qed jifforma l-meritu tal-kontro-talba sollevata presenzjalment.
d) Illi se mai kwalunkwe ammont li jirrizulta dovut lis-socjeta attrici ghandu jigi paccjut mal-ammont dovut lis-socjeta konvenuta.

Ra l-kontro-talba prezentata mis-socjeta konvenuta flimkien mal-eccezzjonijiet taghha fejn talbet li s-socjeta attrici ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta Lm909.53 rapprezentanti commissions dovuta fuq diversi poloz ta assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici bl-intervent tas-socjeta konvenuta liema ammont baqa ma thallasx.
Bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra s-socjeta attrici minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra d-digriet ta dan it-Tribunal moghti fis-seduta tal-14 ta Jannar 2004 fejn ordna l-korrezzjoni tal-isem tas-socjeta konvenuta biex jibda jinqara Fenici Insurance Brokers Ltd u in vista ta liema giet rtirata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-istess socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta attrici datata 16 ta Jannar 2004 ghal kontro-talba tas-socjeta konvenuta fejn giet kontestata l-istess kontro-talba in vista tal-fatt li l-commission kien jitnaqqas mill-ewwel mill-premia li s-socjeta konvenuta kienet tghaddilha wara li tircivihom fl-intier mill-assikurati.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta in rikonvenzjoni minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi mix-xhieda ta Owen Meilak ghas-socjeta attrici u partikolarment mid-dokumenti minnu esebiti ghandu jirrizulta li l-ammont minnhom mitlub jinsab ben elenkat fid-dokument OM 1 u konfortat bid-dokumenti OM 2 sa OM 8. L-ammont mitlub mis-socjeta attrici jinsab ukoll konfermat mid-dokument prezentat minn Joe Perici Calascione rapprezentant tas-socjeta konvenuta bhala Dok JPC 1.

Illi dwar il-commissions allegatament dovuta lis-socjeta konvenuta kien gie spjegat li dawn kienu jitnaqqsu mill-invoices li kienu jintbghatulha mis-socjeta attrici u dana peress li l-ammont tal-commission kien ikun parti minn u kwindi nkluz fl-ammont invoiced u migbur mis-socjeta konvenuta minnghand l-assikurat in kwistjoni.

Illi ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta pprezenta dokument fejn elenka l-ammont ta commissions lilhom dovuta, huwa pero naqas li jelabora u jaghti spjegazzjoni aktar dettaljata fuq il-pretenzjoni kontenuta in kontro-talba kif ukoll naqas li jesebixxi prospett dwar id-diskrepanzi kif obbliga ruhu li jaghmel fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tal-4 ta Ottubru 2004.

Illi in vista tal-premess jigi rilevat illi filwaqt li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici jinsab ipprovat anzi ammess mill-

istess socjeta konvenuta, din ta l-ahhar naqset li tressaq provi soddisfacenti in sostenn tal-kontro-talba taghha.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba mressqa mis-socjeta konvenuta, jilqa l-eccezzjoni tas-socjeta attrici ghal kontro-talba u kif ukoll it-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma kif  rikjesta ta elf tliet mija u hamsa u sittin lira hamsa u hamsin centezmu (Lm1365.55) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza nkluz dik tal-kontro-talba kontra l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------